**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NRU. 2124**

KAZ 2944

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Salvina Saliba

u

Anton Cassar f'ismu personali u
bhala direttur ta' Cassar Weaving Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data : 20 ta' Frar 2012

**Chairman : George Borg Cardona**

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'nota prezentata fir-Registru tal-Qrati Superjuri fid-29 ta' Lulju 2011.

It-Tribunal zamm zewg seduti.

Salvina Saliba, aktar il-quddiem tissejjah l-"appellant", kienet assistita mis-Sur Richard Matrenza waqt li ghas-Socjeta' ntimata ma deher hadd f'ebda mill-laqghat minkejja li kienet notifikata b'ittra registrata li giet konfermata ricev uta.

It-Tribunal josserva li s-Socjeta naqset li tibghat id-Dikjarazzjoni tal-Kaz u nformazzjoni ohra sas-17 ta' Ottubru 2011 kif mitluba izda baghtet dikjarazzjoni li ghalkemm datata 9 ta' Ottubru 2011 waslet fir-Registru tat-Tribunal fil-31 ta' Ottubru 2011. Kif diga ntqal hadd ma attenda ghas-seduti minkejja li s-Socjeta' kienet avzata.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz l-appellant qalet li giet imkeccija ngustament ghaliex tikkontesta b'mod assolut ir-raguni indikata mis-Socjeta li *ma obdietx ordnijiet tal-kumpanija u b'hekk telfet il-flus lilCassar Weaving.*

Is-Socjeta fid-Dikjarazzjoni taghha qalet li minhabba t-traskuragni ta' l-appellant, meta din naqset li t'ordna, kif kien dmira taghmel, l-attendenza ta' *warden* biex jiddiriegi coaches tat-turisti jinzlu *wrong side* skond ftehim mal-Kunsill Lokali tal-Fontana u permessi mill-ADT, madwar 30 coach ma setghux jaslu ghand is-Socjeta li tilfet bejh stmat madwar 20,000 ewro.

Is-Socjeta' ma attendietx ghas-seduti tat-Tribunal biex tipprova din l-allegazzjoni u, anke jekk gara dak li qed tallega, t-tkeccija saret b'mod irregolari ghaliex l-appellant ma nghatatx opportunita xierqa biex tiddefendi ruhha.

It-Tribunal kien avza lis-Socjeta li jekk ma tidhirx ghas-seduta tad-9 ta' Jannar 2012 kien jisma lir-rikorrenti u jghaddi ghad-decizjoni. Is-Socjeta naqset li tattendi u l-appellant ikkonfermat bil-gurament id-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha.

It-Tribunal, wara li kkunsidra ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, isib li t-tkeccija ma saretx b'mod accettabbli.

Ghalhekk jordna li s-Socjeta ghanda thallas kumpens lill-appellant fl-ammont ta' €2,000 (elfejn ewro) fi zmien 4 gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ma kienx possibbli li tinghata decizjoni fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba l-htiega li jinghata differiment u nuqqas ta' facilitajiet.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-appellant fl-ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Iffirmat : George Borg Cardona
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Ghas-Segretarju